**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 2/2013JVC**

**Joseph u Rita konjugi Grima**

**vs**

**Is-Sindku u Is-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom ta' Kunsill Lokali Victoria**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:

1. Illi huma pprestaw diversi servizzi u diversi xoghlijiet kif ukoll konsenja, materjal u beneficcju tal-Kunsill Lokali Victoria u dana matul perjodu ta' zmien sal-gurnata tal-lum;

2. Illi minkejja li thalsu diversi ammonti, jirrizulta illi ghad baqa' ammont bilancjali li ghadu dovut fl-ammont ta' erbgha u sebghin elf, sitt mija u

ghoxrin Euro u disgha u sebghin centezmu (€74,620.79) liema ammont ghadu dovut lill-atturi;

3. Illi in oltre, fuq dan l-ammont bilancjali gia ddekorrew u ghadhom jiddekorru nteressi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data li gew rezi tali servizzi u xoghlijiet sad-data ta' l-effettiv pagament;

4. Illi minkejja li ghaddew diversi xhur u l-Kunsill Lokali ntimat gie avzat u ntimat kemm permezz ta' ittra bonarji u kif ukoll permezz ta' ittra ufficcjali tali Kunsill Lokali dejjem baqa' inadempjenti;

5. Peress li fil-fehma tar-rikorrenti dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-Kunsill Lokali ma ghandux ebda eccezzjonijiet xi jqanqal ghat-talbiet li qed isirulu u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh fit-termini ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili).

2. Tiddikjara lill-Kunsill Lokali debitur fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' erbgha u sebghin elf, sitt mija u ghoxrin Euro u disgha u sebghin centezmu (€74,620.79);

3. Tikkundanna ukoll lill-Kunsill konvenut sabiex ihallas lill-atturi dana l-ammont kif ukoll l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) b'effett mid-data li fih tlestew ix-xoghlijiet sad-data tal-hlas relattiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji kif ukoll tal-ittra ufficcjali ta' Dicembru elfejn u tnax (2012), kontra l-Kunsill Lokali konvenut u bl-ingunzjoni ta' l-istess Kunsill Lokali ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti illi eccepew:

1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisidizzjoni u kompetenza li tisma' u tiddeciedi din il-pendenza u dana ghaliex skont il-paragrafu 41 tal-kundizzjonjiet generali li jirregolaw parti kbira mix-xoghol mertu ta' din il-kawza jipprovdi li kwalunkwe kwistjonijiet u differenzi naxxenti bejn il-partijiet ghandhom jigu determinati bil-procedura ta' l-Arbitragg.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u fil-mertu, l-esponenti jissottomettu li l-ammont reklamat mill-atturi huwa biss in parti accettat bhala dovut, u dana fl-ammont ta' tlieta u tletin elf, hames mija u erbgha u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€33,534.75c). Infatti, qabel ma giet prezentata din il-kawza, il-Kunsill kien gia avza lil Joseph Grima li l-hlas relattiv kien se jinghatalu. Izda Grima webbes rasu u qabad u pproceda b'din il-kawza, minghajr mal-inqas baghat ittra ufficjali fir-rigward ta' dan il-hlas mhux kontestat, peress li huwa ppretenda li jithallas l-ammont kollu pretiz minnu, minghajr ebda riserva.

3. Illi ghalhekk in kwantu jirrigwarda dan l-ammont mhux kontestat, l-esponenti jsostni li huwa m'ghandux isofri mill-ispejjez relattivi, ghaliex f'dan ir-rigward din il-kawza saret intempestivament.

4. Illi in kwantu jirrigwarda l-ammont ta' hlas li qed jigi kkontestat, huwa sottomess li:

I. Ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jithalsu fir-rigward ta' progetti li ghadhom ma gewx kompluti;

II. Ir-rikorrenti lanqas ma jistghu jippretendu li jithallsu ghal xoghlijiet li fir-rigward taghhom ma segwewx il-procedura rikjesta;

III. Ir-rikorrenti lanqas ma jistghu jippretendu li jithalsu minghajr ma jippermettu li l-Perit inkarigat mill-Kunsill jiccertifika x-xoghlijiet maghmula;

IV. Ir-rikorrenti lanqas ma jistghu jippretendu li jithallsu minghajr ma jaghtu rendikont tal-hlas li qed mitlub.

5. Illi konsegwentement, fir-rigward ta' dawn l-ammonti kontestati, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

6. Illi minn dan kollu huwa evidenti li din il-kawza saret sempliciment b'mod vessatorju u biss ghaliex Grima ippretendew li l-Kunsill ihallas ghall-kontijiet mibghuta minnhom b'ghajnejh maghluqa.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri

Bl-ispejjez.

B'riserva li l-esponenti tipprocedi kontra r-rikorrenti Grima ghall-kundanna u hlas ta' penali dovuti minnhom minhabba dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet.

Rat illi l-ewwel talba tar-rikorrenti giet sorvolata permezz tal-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 13 ta' Frar, 2013 fejn il-Kunsill intimat gie awtorizzat jipprezenta r-risposta tieghu ghat-talbiet attrici;

Rat illi permezz ta' nota datata 22 ta' Ottrubu, 2013 ir-rikorrenti rriducew it-talba taghhom bl-ammont ta' tnax-il elf, seba' mija u sitta u ghoxrin euro u sittin centezmu (€12,726.60) u dan stante pagament li sar lir-rikorrenti mill-Kunsill intimat wara li giet intavolata l-kawza;

Rat illi permezz tal-verbal tal-25 ta' Marzu, 2014 ir-rikorrenti rriducew ulterjormanet it-talba taghhom bl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u sittin euro u hmistax-il centezmu (€21,263.15) u dan stante pagament iehor u ftehim ulterjuri bejn il-partijiet wara li giet intavolata l-kawza;

Rat in-nomina tal-perit tekniku Joseph Grech datata 9 ta' Jannar, 2015 li gie nominat 'sabiex b'mod urgenti jaccedi fil-pjazza in kwestjoni u jaghmel pjanti, survey u jittiehdu ritratti ta' dak ezistenti llum fil-prezenza wkoll tal-Qorti u jirrelata dwar l-istess.'

Rat l-ewwel rapport tal-perit tekniku a fol. 222 et seq li kien intiz sabiex tigi preservata stampa ta' dak ezistenti fi pjazza San Gorg nkluz ix-xoghol maghmul mir-rikorrenti qabel ma din kienet ser terga' tinqala' mill-Kunsill intimat;

Rat ir-rapport ulterjuri tal-perit tekniku a fol. 248 et seq tal-process li fih ta l-valutazzjoni tieghu tax-xoghlijiet li saru mir-rikorrenti fi Pjazza San Gorg liema xoghlijiet kienu gew elenkati fl-ewwel rapport u li ghadhom pretizi mir-rikorrenti f'dawn il-proceduri;

Rat ix-xhieda, dokumenti, ritratti u provi kollha fl-atti;

Rat illi fil-verbal tad-9 ta Marzu, 2017 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fiz-zmien prefiss fuqhom mill-Qorti;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tikkoncerna xoghlijiet li r-rikorrenti ghamlu lill-Kunsill intimat fi Pjazza San Gorg, fir-Rabat, Ghawdex u dan a bazi ta' 'tender' mahruga mill-istess Kunsill kopja esebita a fol. 193 et seq tal-process. Dan mhux kontestat mill-Kunsill intimat. Tikkoncerna izda wkoll xoghlijiet hekk imsejha mir-rikorrenti bahala 'extra' li strettament ma kienux koperti bit-'tender document' relattiv li izda skont ir-rikorrenti kienu xoghlijiet ordnati mill-istess Kunsill u neccessarji sabiex isir it-twettieq tal-istess 'tender'. Apparti dawn l-ammonti r-rikorrenti qed jinsistu ghall-hlas ta' imghax ta' tmienja fil-mija (8 %) fuq l-ammont kollu reklamat inkluz l-ammonti ta' erbgha u tletin elf u disgha u tmenin euro u hamsa u sebghin centezmu (€34,089.75) li gie mhallas mill-Kunsill intimat lir-rikorrenti fil-mori tal-kawza f'intervalli ta' sitt xhur kull wiehed wara li giet intavolata l-kawza.

Jirrizulta li ghalkemm kif gia espost id-differenza bejn l-ammont pretiz fir-rikors guramentat u dak mhallas mill-Kunsill tammonta ghal erbghin elf, sitt mija u wiehed u tletin Euro u hames centezmi (€40,631.05), fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti l-ewwel jindikaw is-somma ta' sitta u tletin elf, mitejn u sebgha u tletin euro u sitta u sebghin centezmu (€36,237.76). Izda fl-istess sottomissjonijiet ir-rikorrenti jinsistu izda li s-somma li ghadha dovuta hija dik ta' sebgha u ghoxrin elf, mitejn u zewg euro u hamsa u disghin centezmu (€27,202.95) u cioe' l-ammont proprju ndikat fir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Dimech (ara r-rapport a fol. 261 et seq tal-process) u li mieghu hemm diskrepanza mar-rapport tal-Perit Tekniku mqabbad mill-Qorti li vvaluta l-istess xoghlijiet ferm anqas.

Illi din il-Qorti wara li rat l-atti kollha jirrizultalha li din hija kwistjoni aktar milli ta' provi hija kwistjoni purament teknika fejn il-partijiet principalment mhux jaqblu dwar ir-rati li ghandhom jigu applikati ghax-xoghlijiet li saru mir-rikorrenti fuq

inkarigu tal-Kunsill intimat b'mod partikolari dawk ix-xoghlijiet hekk imsejha 'extra' u dan stante li ma hemmx qbil dwar ir-rati li ghandhom jigu wzati ghall-valutazzjoni ta' dan ix-xoghol u f'kazijiet minnhom m'hemmx qbil dwar jekk certu xoghol verament sarx jew le jew jekk kienx fl-ammont indikat mir-rikorrenti fil-kontijiet tieghu. Jirrizulta wkoll li l-Kunsill intimat qed jikkontendi li certu xoghlijiet li saru mir-rikorrent u li hu qed jinkludi fl-'extra' u jitlob hlas taghhom, ezempju, trangar tal-pjazza f'avvenimenti li sehhew waqt ix-xoghlijiet, kienu parti mit-'tender' u ghalhekk ma jistax jintalab hlas 'extra' taghhom. In vista ta dan kollu l-Qorti ser taghmel referenza shiha ghar-rapporti tal-perit tekniku, tal-perit ex-parte u t-tender sabiex b'hekk tkun tista' tasal ghall-konkluzjonijiet taghha kif isegwi:

1. Ghal dak li huma xoghlijiet li saru gie redatt rapport mill-Perit Tekniku Joe Greh a fol. 222 et seq tal-process fejn indika fid-dettal ix-xoghol kollu li sar kif fuq kollox gie ndikat lilu mill-partijiet fuq is-sit waqt access li sar u li dam diversi sieghat. Dawn ix-xoghlijiet kif gia nghad huma deskritti fid-dettal f'dak ir-rapport u l-Qorti taghmel taghha l-istess rapport bhala parti ntegrali minn din id-decizjoni.

2. Wara li gie redatt l-ewwel rapport, a fol. 248 et seq il-Perit Tekniku ghadda sabiex jivvaluta l-istess xoghlijiet u wasal ghall-konkluzjoni li dawn ix-xoghlijiet skont rati ndikati minnu stess fir-rapport (hafna minnhom b'relazzjoni mar-rati kwotati fit-'tender' mir-rikorrenti stess) kien haqqhom hlas ta' erbatax-il elf, disa' mija u sebghin Euro u centezmu (€14,970.01). Ghandu jinghad li principalment l-akbar disgwit bejn il-partijiet meta nhargu l-kontijiet lill-Kunsill kien li x-xoghol 'extra' ma giex ikkalkolat b'rata ghal kull 'item' izda b'rata ghas-sieghat ta' xoghol u dan ma kienx hemm qbil mieghu mill-perit inkarigat mill-Kunsill fuq ix-xoghol il-Perit Edward Scerri kif jidher fid-dokument esebit minnu a fol. 68 tal-process u kif spjegat minnu fix-xhieda tieghu fl-atti a fol. 61 et seq tal-process.

3. Konsegwenti ghar-rapport tal-perit tekniku nominat mill-Qorti r-rikorrenti esebew rapport ex parte tal-Perit Joseph Dimech a fol. 261 et seq tal-process li vvaluta l-istess xoghlijiet ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, mitejn u zewg euro u

hamsa u disghin centezmu (€27,202.95). L-istess perit isostni li hemm din id-differenza fil-valutazzjoni tieghu ghar-raguni segwenti:

'Id-differenza fir-rati li ghamilt jien kienet fil-parti l-kbira minhabba r-restrizzjoni fl-access a sit kif ukoll it-traffiku pedonali li hemm fl-imsemmija pjazza.'

4. Illi mill-atti u wara li wkoll rat ir-risposti ghad-domandi in eskussjoni li saru lill-Perit Tekniku Joe Grech a fol. 270 et seq tal-process, din il-Qorti rat li d-diskrepanza principali bejn il-partijiet hija l-valutazzjoni ta' toqob ghall-arbli mmarkati fir-rapport tal-perit tekniku bhala 'Extra Works I' u l-'inspection chambers' immarkati bhala item 'Extra Works J" fir-rapport tal-perit tekniku, il-kwistjoni jekk il-bollards kienux provduti mir-rikorrenti jew le, jekk kienx hemm wiehed jew hames feeder pillar li saru u xoghlijiet li saru sabiex il-pjazza tibqa' accessibbli pendenti x-xoghlijiet.

5. Illi fir-rigward ta' dawk l-'items' fejn il-Perit imqabbad mill-Qorti u l-Perit Dimech ma qablux fuq l-ammont li sar fil-pjazza fejn per ezempju fil-kaz ta' 'inspection chambers' hemm diskrepanza ta' tletin wahda, din il-Qorti ma tistax ma timxix man-numri moghti mill-Perit Tekniku nominat minnha stante li kien hu stess li mar fuq il-post flimkien mal-partijiet u kienu l-partijiet stess inkluz ir-rikorrenti li ndikaw ix-xoghlijiet lill-istess perit u dakinhar li sar dan l-access kien hemm qbil fuq l-istess ammonti dan b'eccezzjoni tal-'feeder pillars' kif ser jinghad aktar 'il isfel. Ghalhekk fejn hemm dawn id-diskrepanzi din il-Qorti tichad il-pretensjonijiet tar-rikorrenti fejn jallegaw li kien hemm aktar u tiddikjara li ser timxi ma' dak konstatat mill-perit tekniku fuq is-sit;

6. Illi ghal dak li huwa formazzjoni ta' toqob fl-art markati bhala 'item extra works I' il-Perit tekniku nominat mill-Qorti a fol. 251 tal-process ta valutazzjoni ta' dan ix-xoghol ghas-somma ta' hames mija u ghoxrin Euro (€520.00). Da parti tieghu l-Perit Dimech ghan-nom tar-rikorrenti a fol. 263 ta valutazzjoni ta' hamest elef mija u erbgha u ghoxrin Euro u disgha u erbghin centezmu (€5124.49) b'differenza bejn it-tnejn ta' erbat elef, sitt mija u erba' euro u disgha u erbghin centezmu (€4,604.49).

Meta l-Perit Grech gie mistoqsi in eskussjoni dwar il-valutazzjoni tieghu a fol. 271 jerga' jikkonferma l-valutazzjoni tieghu u jaghti 'break-down' dettaljat ta' kif wasal ghall-istess. Din il-Qorti pruvat fl-atti ssib gustifikazzjoni da parti tar-rikorrent il-ghalfejn il-valutazzjoni *ex parte* tieghu hija ferm aktar oghla minn dik tal-espert tekniku izda ghajr il-kummenti tal-Perit Dimech li ha kont tad-diffikultajiet u restrizzjonijiet tas-sit (liema diffikultajiet kienu evidenti anki qabel ma ntefghet l-offerta mir-rikorrenti) ma sabet ebda evidenza ta' raguni valida fil-ligi li tiggusitifika diskrepanza tant kbira fil-valutazzjoni. Il-Qorti ghalhekk ser izomm ferm u tikkonferma l-valutazzjoni tal-perit tekniku Joe Grech f'dan ir-rigward;

7. Illi ghal dak li huwa formazzjoni ta' toqob fl-art markati bhala 'item extra works' J il-Perit tekniku nominat mill-Qorti a fol. 251 tal-process ta valutazzjoni ta' dan ix-xoghol ghall-valur ta' hames mija u hamsa u ghoxrin Euro (€525.00). Da parti tieghu l-Perit Dimech ghan-nom tar-rikorrenti a fol. 263 ta valutazzjoni ta' sebat elef mitejn u sebgha u sittin euro u hamsa u sittin centezmu (€7267.65) b'differenza bejn it-tnejn mhux zghira ta' sitt elef, seba' mija u tnejn u erbghin euro u hamsa u sittin centezmu (€6,742.65). Anki f'dan il-kaz meta l-Perit Grech gie mistoqsi in eskussjoni dwar il-valutazzjoni tieghu a fol. 271 jerga jikkonferma l-valutazzjoni tieghu u jaghti break-down dettaljat ta' kif wasal ghall-istess. Jispjega wkoll li l-Perit Dimech f'dan il-kaz kien qed jaghti valutazzjoni ta' xoghol iehor u cioe' bini ta' 'inspection chamber' li ma kienx il-kaz fil-kaz odjern. Jikkonferma wkoll in-numru ta' 'inspection chambers' verifikati fuq il-post ghan-numru ta' hamsa u tletin (35) u mhux sittin (60) kif jikkontendi r-rikorrent. Din il-Qorti ma sabet xejn fl-atti li jiggustifika d-differenza fil-valutazzjoni moghtija mill-Perit Dimech u ser tghaddi sabiex ukoll tikkonferma il-valutazzjoni da parti tal-Perit Tekniku mqabbad minnha.

7. Illi din il-Qorti gharblet sew ir-rapporti u d-differenzi fil-valutazzjonijiet taz-zewg periti li ghadhom ma gewx diskussi aktar 'il fuq, liema differenzi mhumiex daqshekk kbar daqs dawk hawn fuq imsemmija. Rat ukoll il-gustifikazzjoni li nghatat mill-Perit Tekniku Joe Grech ghal kull valutazzjoni u tqis li ma nghatawx ragunijiet

bizzejjed sal-grad ta' prova rikjest mil-ligi mir-rikorrenti ghalfejn din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-istess valutazzjoni ghajr ghal erba' istanzi:

a) Il-kaz tal-'bollards' fejn il-Qorti qed temmen il-versjoni tar-rikorrenti u tifhem li jista' jkun li l-fatt li l-bollards jew provduti mir-rikorrenti seta' ma giex innotat lill-Perit Tekniku dakinhar tal-access u ghalhekk fir-rigward ta' dan l-item ser takkorda l-hlas dikjarat mill-Perit Dimech ghas-somma ta' mitejn u tmien euro u ghoxrin centezmu (€208.20) flok dik ta' mitt euro (€100).

b) ghal dak li huwa 'item K' il-Perit Tekniku in eskussjoni qabel li ghandu jinghata hlas ghas-somma ta' elf u seba' mitt Euro (€1700) flok dak dikjarat minnu ta' elf mitejn u tlieta u disghin euro u hamsa u sebghin centezmu (€1293.75) u ghalhekk din il-Qorti ser takkorda dan l-ammont.

c) Fir-rigward tal-'item indikat bhala 'Extra Works Q; indikat a fol. 252 b'valutazzjoni totali ta' tlett elef, mitejn u tmienja u tletin euro (€3,238) mill-perit tekniku nominat mill-Qorti din il-Qorti nnutat ix-xhieda tal-Perit Edward Scerri (fol. 316) li ghalkemm il-perit nominat ivvaluta xoghol fuq 'feeder pillar' wiehed ghaliex probabbli hekk gie ndikat lilu, il-Perit Scerri kkonferma li kien hemm mill-anqas erbgha minnhom u dan f'kull kantuniera. Ir-rikorrenti jinsistu li kien hemm hamsa u meta mistoqsi l-istess Perit Scerri jikkonferma li seta' kien hemm wiehed taht il-logog. In vista ta' dan din il-Qorti tqis li gie pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li kien hemm xi tip ta' malintiz f'din il-valutazzjoni u li ghandhom jigu valutati hames 'feeder pillars' u mhux wiehed u b'hekk ser takkorda l-ammont kif valutat mill-Perit Joe Dimech ghas-somma ta' disat elef, erba' mija u tnejn u hamsin euro u hamsa u tmenin centezmu (€9452.85).

d) fir-rigward ta' 'items' li jaghmlu referenza ghal xoghlijiet li kellhom isiru pendenti li jitlesta x-xoghol minhabba attivatijiet li saru fil-frattemp fi pjazza San Gorg, din il-Qorti rat id-dokument tat-'tender' b'mod partikolari s-segwenti:

*"Tenders are advised to inspect and examine the site and to clarify the extent of the works or any other matter relating to these works with the architect in charge or his representatives prior to tendering as no claims relating to such matters will be entertained after the award of the contract."*

U l-kundizzjoni A7 li tipprovdi:

*"The contractor is obliged to accomodate the request of the local council for any activities within the square and the surrounding buildings and areas which necessitate access of persons or vehicles through the square such as weddings and funerals."*

Ghalkemm ir-rikorrent f'bosta partijiet mix-xhieda tieghu jipprova jaghti x'jifhem li dawn l-attivitajiet involvewlu hafna xoghol, il-Perit Scerri a fol. 313 jsostni li dawn kien hemm biss zewg okkazzjonijiet aktar straordinarji minn tigijiet u funerali fejn il-kuntrattu kellu jaghmel dan ix-xoghol fosthom lejlet lapsi li hija attivita' li sehh kull sena (fol. 313).

Illi din il-Qorti tqis li s-sottomissjonijiet tal-Kunsill dwar dan il-punt huma gustifikati fis-sens li la darba r-rikorrenti tefghu t-'tender' huma kellhom id-dmir li jiehdu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha u d-dokument tat-'tender' kien jaghmilha cara li dawn ix-xoghlijiet se mai kellhom jigu kkwotati sa mill-bidu bhala parti mill-offerta u mhux jizdiedu wara. In vista ta' dan din il-Qorti tqis li l-'items' fir-rapport tal-perit tekniku nominat a fol. 248 et seq tal-process indikati bl-ittri 'Extra Works K', 'Extra Works O' u 'Extra Works P' fl-ammont ta' elf, disa' mija hamsa u erbghin euro u hamsa u sebghin centezmu (€1945.75) li lkoll jinkludu xoghlijiet bazici li dejjem iridu jsiru waqt xoghlijiet ta' din in-natura u li ghalhekk ir-rikorrenti kellhom jahsbu ghalihom minn qabel sabiex ikunu nkluzi fl-offerta mhumiex dovuti bhala 'extra works' b'dana li ser jigu mnaqqsa mill-valutazzjoni maghmula mill-Perit Grech.

**Konkluzjoni dwar l-ammont dovut lir-rikorrenti:**

Illi in vista ta' dak kollu suespost maghduda l-ammonti li din il-Qorti qed takkorda aktar fuq ir-rapport tal-perit tekniku u mnaqqsa l-ammonti li qed jigu dikjarati mhux dovuti mill-istess valutazzjoni jirrizulta li l-ammont li ghadu dovut lir-rikorrenti mill-Kunsill intimat huwa dak ta' dstatax-il elf, seba' mija tlieta u hamsin euro u sitta u tmenin centezmu (€19,753.86).

**Imghaxijiet:**

Illi fir-rigward tat-talba ghall-hlas ta' imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) b'effett mid-data li fih tlestew ix-xoghlijiet sad-data tal-hlas relattiv jehtieg li din il-Qorti tiddistingwi bejn il-hlasijiet li saru wara li nfethet il-kawza u dawk li qed jigu likwidati permezz ta' din id-decizjoni.

Illi jirrizulta li l-Kunsill intimat qed jeccepixxi li la darba r-rikorrenti kienu gew infurmati qabel l-intavolar tal-kawza li ser jithallsu l-ammonti ta' tnax-il elf, seba' mija u sitta u ghoxrin euro u sittin centezmu (€12,726.60) (fol. 24) u wiehed u ghoxrin elf, mitejn tlieta u sittin euro u hmistax-il centezmu (€21,263.15) (fol 45) jew somma vicin hafna kif indikata fit-tieni eccezzjoni tal-Kunsill, liema ammonti thallsu effettivament wara li giet intavolata l-kawza fuq perjodu ta' sitt xhur, sitt xhur, allura l-ebda imghaxijiet ma huma dovuti lir-rikorrenti. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' dan l-argument ghar-raguni li kienet l-istess segretarju ezekuttiv tal-Kunsill intimat is-Sinjura Miriam Attard (fol. 318 et seq) li kkonfermat fuq domanda ta' din l-istess Qorti u anki fil-kontro-ezami li sar lilha mill-Avukat tar-rikorrent li fil-mument li giet intavolata l-kawza ma kienx hemm bizzejjed fondi biex ir-rikorrenti jithallsu. Fuq domanda wkoll tal-istess Avukat tal-Kunsill hija sahansitra kkonfermat li l-pagamenti kienu jsiru mill-anqas sitt xhur wara c-certifikazzjoni da parti tal-perit u fil-mument li jkun hemm il-fondi. Din il-Qorti ma tqisx li hija gusitikazzjoni accettabbli fil-ligi li l-Kunsill jissottometti li r-rikorrenti kienu jafu kif kien ihallas il-Kunsill u cioe' li kien ihallas tard la darba l-partijiet spiccaw fil-Qorti. Lil din il-Qorti ma tirrizultala l-ebda ligi ma taghti trattament ahjar jew divers lill-kunsilli fi transazzjonijiet strettament kummercjali aktar u aktar a bazi ta' din l-

iskuza. In oltre mihijiex gustifikazzjoni li hlasijiet li hemm qbil fuqhom bejn il-partijiet ma jinghatawx pendenti li jkunu nfethu proceduri fil-Qorti kontra l-Kunsill kif hekk iddikjarat is-segretarju ezekuttiv tal-istess Kunsill fix-xhieda taghha. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-ammonti mhallsa lir-rikorrenti pendenti l-kawza (liema ammonti din il-Qorti tqis li probabbilment kienu jdumu ferm aktar biex jithallsu li kieku ma nfethitx il-kawza) ghandu jkun hemm hlas ta' imghax kif mitlub da parti tar-rikorrenti.

Illi min-naha l-ohra izda ghal dik li hija s-somma dovuta kif likwidata u ser tigi deciza permezz tad-decizjoni odjerna u stante li evidentement din ma tistax titqies li kienet somma certa, likwida u dovuta fil-mument li giet intavolata l-kawza anki ghaliex dak li qed jigi deciz huwa ferm anqas minn dak mitlub mir-rikorrenti, din il-Qorti tqis li mihijiex gustifikata t-talba tar-rikorrenti sabiex jithallas imghax lilhom minn meta tlestew ix-xoghlijiet u ghalhekk ser takkorda mghaxijiet biss mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjez tal-kawza:**

Ghal dak li huma spejjez tal-kawza, stante li jirrizulta li bejn wiehed u iehor nofs l-ammont dovut lir-rikorrenti kien ammess bhala dovut mill-Kunsill intimat, tant li thallas wara li giet intavolata l-kawza, filwaqt li kien hemm nuqqas ta' qbil assolut fuq il-bqija tas-somma dovuta u l-Kunsill inghata parti mir-ragun f'din id-decizjoni, din il-Qorti tqis li l-Kunsill intimat ghandu jhallas tliet kwarti mill-ispejjez kollha relatati mal-kawza filwaqt li r-rikorrenti ghandu jaghmlu tajjeb ghall-kwart rimanenti.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:**

1. **Tichad it-tieni, t-tielet u s-sitt eccezzjoni tal-kunsill intimat;**

2. **Tilqa' limitatament ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-kunsill intimat in linea ma' dak li ser jigi deciz dwar it-talbiet attrici;**

3. **Tiddikjara l-ewwel talba attrici bhala sorvolata;**

4. **Tilqa' t-tieni talba attrici limitatament u tiddikjara lill-Kunsill Lokali ntimat debitur fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' dsatax-il elf, seba' mija tlieta u hamsin euro u sitta u tmenin centezmu (€19,753.86) u tichadha fil-konfront tal-bqija tal-ammont li kien ghadu pretiz mir-rikorrenti;**

5. **Tilqa' t-tielet talba attrici limitatament u tikkundanna lill-Kunsill Lokali ntimat sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' dsatax-il elf, seba' mija tlieta u hamsin euro u sitta u tmenin centezmu (€19,753.86) flimkien mal-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont ta' tnax-il elf, seba' mija sitta u ghoxrin euro u sittin centezmu (€12,726.60) mid-data tat-tlestija tax-xoghlijiet sad-data tal-4 ta' Lulju, 2013, fuq l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, tliet mija tlieta u sittin euro u hmistax-il centezmu (€21,363.15) mid-data tat-tlestija sad-data tas-6 ta' Frar, 2014 filwaqt li fuq l-ammont likwidat u dikjarat dovut permezz ta' din id-decizjoni ta' dsatax-il elf, seba' mija tlieta u hamsin euro u sitta u tmenin centezmu (€19,753.86) l-imghax ghandu jiddekorri mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-pagamenti effettiv.**

**Bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati fi tliet kwarti minnhom mill-Kunsill intimat u kwart minnhom mir-rikorrenti.**

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur